

Il-Ġurnal Uffiċjali

ta' l-Unjoni Ewropea

Ħarġa Speċjali *
7 ta' Awissu 2004

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Avviż Nru

Werrej

Pàġna

I *Tagħrif*

.....

II *Atti Preparatorji*

.....

III *Avviżi*

Kummissjoni

2004/C 200 A/01

Avviż ta' sejħa ta' post vakanti għal Direttur taċ-Ċentru Ewropew għall-Ħarsien u l-Kontroll tal-Mard... 1

MT

* Din il-Ħarġa Speċjali bil-Malti hija ppubblikata bil-lingwi Uffiċjali ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea fil-ĠU C 200 A.

BEJĠH U PREZZIJET TA' L-ABBONAMENT

Abbonament annwali (jinkludi pustaġġ normal)					Kopji bil-waħdiet		
Prezz	"L + C" verżjoni stam- pata + CD-ROM annwali (kumulattiv)	"L + C" EUR-Lex CD-ROM edizzjoni ta' kull xahar (kumulattiv)	Avviżi ta' reklutaġġ	Suppliment tal-ĠU (Avviżi u kuntratti pubbliċi) CD-ROM darbtejn fil-ġimgħa	Bejn paġna u 33 paġna	Bejn 33 u 64 paġna	Aktar minn 64 paġna
EUR	1 000 ⁽¹⁾ 500 ⁽²⁾	400 ⁽¹⁾ 200 ⁽²⁾	50 ⁽¹⁾ 25 ⁽²⁾	300 ⁽³⁾	6,00	12,00	Il-prezz jiġi kkalkulat skond il-każ

⁽¹⁾ 11-il lingwa uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea f'Jannar 2004.

⁽²⁾ Disa' lingwi uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea ġodda sa mill-1 ta' Mejju 2004.

⁽³⁾ Multilingwi: 11-il lingwa sat-30 ta' April 2004; minn hemm 'il quddiem 20 lingwa.

Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea huwa ppubblikat fil-lingwi uffiċjali ta' l-Unjoni. Dan il-Ġurnal jikkonsisti fis-serje L (Leġislazzjoni) u fis-serje C (Informazzjoni u avviżi) miġbura f'ħarġa waħda. Hemm abbonamenti separati għal kull lingwa.

Dawk li jabbonaw *fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* huma intitolati li jirċievu, fuq talba tagħhom, id-"Direttorju tal-leġislazzjoni Komunitarja fis-seħħ" kif ukoll l-annessi diversi tal-Ġurnal Uffiċjali. Il-qarrejja jiġu avżati bid-Direttorju u l-annessi permezz ta' nota "Avviż lill-qarrejja" li tkun infilsata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Biex tirċievi awtomatikament l-avviżi ta' kompetizzjoni kollha li inti tkun tlabt permezz ta' abbonament, il-prezz li jidher hawn fuq jinkludi l-ispejjeż tal-posta u dawk amministrattivi.

BEJĠH U ABBONAMENTI

Il-pubblikazzjonijiet bi ħlas editjati mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jinsabu għand l-aġenti tagħna mad-dinja kollha.

Kif nakkwista pubblikazzjoni?

Wara li takkwista l-lista ta' l-aġenti tagħna, ikkuntattja l-aġent li tixtieq u agħmel l-ordni tiegħek.

Minn fejn nakkwista l-lista ta' l-aġenti?

- Ikkonsulta s-sit fuq l-internet ta' l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet.
http://publications.eu.int/others/sales_agents_en.html
- Jew inkella tista' tordna kopja stampata bil-fax (352) 2929-42758.

Dan il-Ġurnal Uffiċjali jinsab ukoll fuq is-sit ta' EUR-Lex (<http://europa.eu.int/eur-lex>)

Aktar tagħrif dwar l-Unjoni Ewropea jinsab fuq l-Internet: <http://europa.eu.int>

III

(Avviżi)

KUMMISSJONI

AVVIŻ TA' SEJĦA TA' POST VAKANTI GĦAL

Direttur taċ-Ċentru Ewropew għall-Ħarsien u l-Kontroll tal-Mard

(2004/C 200 A/01)

Qed jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-post ta' **Direttur taċ-Ċentru Ewropew għall-Ħarsien u l-Kontroll tal-Mard** ("iċ-Ċentru"). Dan se jkun ibbażat fi Stokkolma, l-Isvezja, u huwa mistenni li l-impjieg tiegħu jibda f'Mejju 2005. Il-bażi legali taċ-Ċentru hija r-Regolament (KE) Nru 851/2004 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li jwaqqaf Ċentru Ewropew għall-Ħarsien u l-Kontroll tal-Mard ⁽¹⁾ ("ir-Regolament").

Deskrizzjoni ġenerali tax-xogħol u l-funzjoni taċ-Ċentru

Il-missjoni tal-bidu taċ-Ċentru hija li dan jagħraf, jassessja u jxandar it-theddid ta' bħalissa u dak li qed jiżviluppa għas-saħħa tal-bniedem minħabba mard li jittieħed. Iċ-Ċentru se jagħrbel, jiġbor, iqabbell, jagħmel valutazzjoni u jxerred id-data xjentifika u teknika (sorveljanza) u jagħti opinjonijiet xjentifiċi u tekniċi u għajnuna xjentifika, inkluż taħriġ. Iċ-Ċentru se jagħti taħrif f'waqtu lill-imsieħba tiegħu li huma fi ħdan jew barra l-Unjoni Ewropea (UE), jikkoordina l-ħidmiet ta' *networking* fi ħdan il-missjoni tiegħu, u jagħmel bdil ta' taħrif, esperti u ta' l-aħjar prattiċi. Dan se jħaffef ukoll l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' ħidmiet konġunti, bħalma huma investigazzjonijiet konġunti ta' tifqigħ. Iċ-Ċentru jeħtieġ iwaqqaf kooperazzjoni ma' l-ODS (WHO).

Iċ-Ċentru se jagħti parir u rakkomandazzjonijiet biex jgħin lill-UE u lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fuq livell nazzjonali, waqt li jqis il-ġid tal-ħiliet xjentifiċi fl-istituti tas-saħħa pubblika ta' l-Istati Membri. L-għan taċ-Ċentru huwa li jgħaqqad dawn il-kompetenzi u li jħaffef il-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri.

Taħt it-tmexxja tad-Direttur, iċ-Ċentru għandu jikseb malajr fama, fost il-partijiet interessati fih, bħala l-punt ta' referenza aċċettabbli minħabba l-indipendenza tiegħu, il-kwalità xjentifika tiegħu, il-preċiżjoni u n-*networks* f'waqthom li huwa jħaddem, l-appoġġ li dan jagħti f'sitwazzjonijiet fejn tinqala' xi kriżi, kif ukoll minħabba t-taħrif li dan ixerred, it-trasparenza tal-proċeduri tiegħu u d-diliġenza tiegħu fit-tweqqif tax-xogħol mogħti lilu.

Il-mira tal-bidu taċ-Ċentru se tkun fuq il-mard li jittieħed u tifqigħ ta' mard li l-oriġini tiegħu mhuwiex magħruf. Wara l-ewwel snin ta' ħidma, għandha tinħatar persuna barranija u indipendenti biex tagħmel valutazzjoni ta' dak li jkun kiseb iċ-Ċentru, waqt li tara jekk ikunx possibbli li dan iwessa' l-għan tiegħu għal ħidmiet relevanti oħrajn fil-qasam tas-saħħa pubblika, l-aktar il-monitoraġġ tas-saħħa.

Aktar taħrif jista' jinkiseb minn fuq is-sit ta' l-internet http://europa.eu.int/comm/health/index_en.html.

⁽¹⁾ ĠU L 142, it-30.04.2004, p. 1.

Deskrizzjoni u n-natura tal-post

Id-Direttur huwa r-rappreżentant legali taċ-Ċentru u l-individwu li jidher pubblikament fisem iċ-Ċentru, u jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Bord tat-Tmexxija. Responsabbiltajiet partikulari jinkludu:

- L-iżvilupp u l-kisba ta' l-għanijiet strateġiċi taċ-Ċentru fi qbil mal-missjoni tiegħu,
- It-tmexxija ta' kuljum tal-ħaddiema taċ-Ċentru, inkluż ir-reklutaġġ,
- It-tħejjija u t-twettiq ta' l-estmi taċ-Ċentru,
- Ix-xandir lill-pubbliku fuq materji li għandhom x'jaqsmu mal-missjoni taċ-Ċentru,
- It-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-programmi ta' xogħol ta' sena jew ta' bosta snin,
- It-tħaffif fil-kooperazzjoni bejn iċ-Ċentru, il-Kummissjoni u l-Istati Membri biex titmexxa 'l quddiem il-koerenza bejn l-istima tar-riskju, it-tmexxija tar-riskju u l-funzjonijiet tal-komunikazzjoni tar-riskju,
- Il-kooperazzjoni ma' l-entitajiet kompetenti fl-Istati Membri li jkunu qed jagħmlu xogħol simili għal dak taċ-Ċentru, l-aktar it-tmexxija tal-Forum Konsultattiv,
- It-twaqqif ta' kuntatti effettivi mal-Parlament Ewropew.

L-isfida għandha tkun li tkun żgurata l-kontinwità ta' l-azzjoni u li jkun hemm livell eċċellenti ta' koordinazzjoni mal-Kummissjoni.

Kwalifiki speċifiċi u l-esperjenza meħtieġa għal dan il-post

- Livell xjentifiku għoli ħafna ppruvat fil-qasam tas-saħħa, jew livell għoli ħafna ta' tmexxija ta' organizzazzjonijiet f'dan il-qasam.
- Għarfien tajjeb dwar l-istituzzjonijiet ta' l-UE u l-politika ta' l-dwar f'dawn l-oqsma u fuq politika oħra li hija rilevanti għaċ-Ċentru, kif ukoll dwar ħidmiet internazzjonali li għandhom x'jaqsmu.
- Ħila ppruvata biex imexxi organizzazzjoni fuq livell ta' tmexxija strateġika, u li jwettaq il-mandat taċ-Ċentru; esperjenza li jmexxi gruppi ta' ħaddiema b'suċċess u li jiggwida, jimmotiva, u jagħti parir lill-impjegati; esperjenza tajba fit-tmexxija tal-finanzi u l-amministrazzjoni.
- Ħiliet eċċellenti ta' komunikazzjoni u negozjati, inkluża l-ħila li jikkomunika mal-pubbliku u li jibni relazzjonijiet tajba mal-partijiet interessati kollha.
- Għarfien tajjeb ta' l-Ingliż u/jew il-Franċiż ikun ta' vantaġġ.

L-applikanti għandhom:

- Ikunu ċittadini ta' wieħed mill-ħamsa u għoxrin Stat Membru ta' l-UE;
- Ikollhom grad universitarju li bih huma jkunu jistgħu jkomplu bi studji ta' wara l-ewwel grad;
- Fid-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjoni, ikollhom mill-inqas 15-il sena ta' esperjenza professjonali fl-livell li għalih il-kwalifika msemmija fuq tkun wasslithom. Mill-inqas ħames snin minn din l-esperjenza professjonali jridu jkunu fuq livell xjentifiku jew ta' tmexxija li jkun proporzjonat għall-post li għalih qed issir is-sejħa;

- Ikollhom għarfien tajjeb ħafna ta' waħda mil-lingwi uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea u għarfien tajjeb ta' waħda minn dawn il-lingwi l-oħra;
- Huwa mistenni li dawn ikunu lesti jservu mandat wieħed sħiħ ta' 5 snin qabel jilħqu l-età normali ta' l-irtirar għall-Impjegati ta' l-UE.

Indipendenza u dikjarazzjonijiet ta' interess

Id-Direttur ikun meħtieġ jagħmel dikjarazzjoni ta' rabta li dan ikun lest jaġixxi b'mod indipendenti fl-interess pubbliku, u li jagħmel dikjarazzjoni dwar l-interessi li jistgħu jitqiesu ta' preġudizzju għall-indipendenza tiegħu/tagħha. Għalhekk, il-kandidati għandhom jinkludu konferma dwar ir-rieda tagħhom li jagħmlu dawn id-dikjarazzjonijiet ma' l-applikazzjoni tagħhom.

Il-Ħatra u l-Kundizzjonijiet tax-Xogħol

Fi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artiklu 17 tar-Regolament, id-Direttur se jinħatar mill-Bord tat-Tmexxija fuq il-bażi ta' lista mqassra ta' kandidati li se titħejja mill-Kummissjoni. Qabel il-ħatra, il-kandidat magħżul mill-Bord tat-Tmexxija jkun meħtieġ jagħmel dikjarazzjoni u jwieġeb għal domandi mill-Parlament Ewropew.

Din is-sejħa għall-applikazzjonijiet hija l-bażi għat-twaqqif tal-lista mqassra tal-Kummissjoni. Il-kandidati għandhom jinnutaw li l-lista mqassra tista' tkun waħda pubblika u li d-dħul tagħhom fuq il-lista mqassra ma tkun qed tiggarantixxi bl-ebda mod il-ħatra tagħhom.

Id-Direttur se jinħatar bħala membru ta' l-impjegati temporanji fil-grad A*14, skond l-Artiklu 2a tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, għal perjodu ta' 5 snin li jista' jiġġedded darba għal perjodu ieħor ta' mhux aktar minn 5 snin.

Opportunitajiet Indaq

L-Unjoni Ewropea tagħmel attenzjoni kbira biex tevita kull għamla ta' diskriminazzjoni fil-proċeduri tagħha dwar ir-reklutaġġ ta' l-impjegati, u tinkuraġġixxi ħafna li jkun hemm applikanti nisa.

Il-Proċedura ta' l-Aplikazzjoni

Biex l-applikazzjonijiet jitqiesu validi, il-kandidati għandhom jibagħtu ittra ta' interess, u CV kif meħtieġ mill-UE ⁽³⁾. Id-dokumenti ta' appoġġ (kopji awtentikati ta' gradi universitarji/diplomi, referenzi, provi ta' l-esperjenza eċċ.) m'għandhomx jintbagħtu għalissa, iżda għandhom jintbagħtu fi stadju aktar tard tal-proċedura, jekk ikun meħtieġ.

L-applikazzjonijiet, preferibbilment bl-Ingliż, bil-Franċiż jew bil-Ġermaniż għandhom jintbagħtu b'e-mail f'format Word jew pdf lil SANCO ECDC director@cec.eu.int. L-applikanti li ma jistgħux jibagħtu l-applikazzjoni tagħhom bl-e-mail jistgħu, minflok, jibagħtuha bil-posta lil, waqt li tkun immarkata "Director of the ECDC":

European Commission
Health and Consumer Protection Directorate-General
Public Health and Risk Assessment Directorate
Unit C6 "Health Measures"
G-1 05/234
B-1049 Brussels

⁽²⁾ ĠU L 124, is-27.4.2004, p 1. http://europa.eu.int/eur-lex/en/archive/2004/l_12420040427en.html

⁽³⁾ <http://www.cedefop.eu.int/transparency/cv.asp>

Data ta' l-għeluq

L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu jew b'e-mail jew b'posta rreġistrata sa mhux aktar tard mit-10 ta' Settembru 2004 (id-data tat-timbru tal-posta).

L-applikazzjonijiet li jintbagħtu bis-servizz tal-kurjer għandhom jintbagħtu fl-istess indirizz qabel it-15.00 ta' l-istess data murija fuq.

Il-Kummissjoni tirriżerva d-dritt li tipposponi d-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa bil-pubblikazzjoni tagħha biss fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.
